MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 693/2014

**Oval Brands Limited**
**C4065**

**vs**

**Camilleri Aaron**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem**
**The 9s Stationery**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, disa' mija, hamsa u sittin ewro, ghoxrin centezmu (€1,965.20c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-Socjeta' attrici (kopja *statement* Dok.'A').

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, disa’ mija, hamsa u sittin ewro, ghoxrin centezmu (€1,965.20c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------